# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 21

**5.00p.m 06 ta' Awwissu 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Ħadt

**Assenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**21.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
Ma kienx hemm

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru għoxrin (20) il-laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel

**21.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Joseph Scerri, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**21.3.1** Sindku Luke Farruġia spjega li fil-laqgħa għoxrin il-Kunsill kien qabel sabiex tinġabar stima oħra tal-laptop għall- użu tal- Kunsill Lokali. Għaldaqstant il-Kunsillier Dominic Spencer irokamnda li il-Kunsill għandu laptops li qedin ġewwa l-istore tal-Kunsill għall użu ta' Day Care Centre fejn dawn jistaw jiġu iċekjati minn technician sabiex jibdew jiġu użati mill-anzjani ta l-anzjanita attiva. Għaldaqstant jekk il-laptops mhux ser jintużaw mill-anzjani il-kunsill jagħmel użu minn dawn il-laptops.

**21.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**21.4.1** Il-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi saqsa lis-Sindku rigward il-Proġett ta' Riġinerazzjoni tal- Marsa fuq il-kwistjoni tal-parkeġġ jekk ġietx eliminata, **is-Sindku wieġeb li dik il-parti se tkun indirizzata fi tielet fażi tal-proġett li bħalissa tinsab on hold minħabba xi problemi li instabu.** Il-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi saqsa ukoll jekk il- monumenti ta Henry Sacco, Anton Cassar u Ħawt jekk ux se jibqaw fil-post preżenti għax ma kienux qed jidru fil-pjanti li giet preżentat fil-press conference, **is-Sindku tagħalab sabiex tintbgħat emajl sabiex GHRC jikkonfermaw li dawn il-monumenti ser jibqaw fil-post preżenti.**

**21.4.2** Il-Kunsillier Anthony Meilak saqsa jekk ux ser ikun hemm puġamann mal-Knisja għall użu tal-pubbliku. **Is-Sindku Luke Farruġia wieġeb li iz-Zuntier ser ikun aċċessibli għall użu tal-pubbliku kollhu**. **Għaldaqstant is-Sindku irrikomanda li issir laqgħa ma GHRC sabiex jiġu imwieġba il-mistoqsijiet li għandu il-Kunsill fuq il-proġett ta' Riginerazzjoni.**

**21.4.3** Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer saqsa li ġewwa Triq San Piju ta' Pietralċina matul il-lejl qed tidħol vettura tal-pulizija u iħarrek il-vetturi li ikunu ipprkajti fuq il-bankina, għaldaqstant is-sur Dominic Spencer qed jissuġerixxi li titwaħal tabella li tindika li il-vetturi għndhom jiparkjaw nofshom fi triq u nofs l-iehor fuq il- bankina, fej it-tabella għanda teħel fejn jippermetti li issir dan it -tip ta' parkeġġ. **Il-Viċi Sindku is-sur Josef Azzopardi astjena min din il-proposta, il-kumplament tal-Kunsill qabel ma din il-proposta.**

**21.4.4** Il-Kunsillier Dominic Spencer saqsa li-sindku Luke Farruġia rigward rimbors fond għall-kura tal-Annimali fejn il-Kunsill kellu jideċiedi fuq il-persuna li se jinagħta dan ir-rimbors. **Għaldaqstant is-sindku Luke Farruġia tagħalab sabiex jiġu iċċekjati il-Minuti ta' laqgħat preċedenti biex ikun hemm klarifika.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**21.4.5** Il-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi saqsa fuq is-siġar li inqalaw min Triq is-Salib tal-Marsa bħala parti mill-proġett ta' Riginerazzjoni ser ikun qed issir minnhom. **Is-Sindku Luke Farruġia wieġeb li l-Aġenzija GHRC ser tkun qed tieħu ħsieb li jerġaw jitwaħlu.**

**21.4.6** Il-Kunsillier Joseph Scerri saqsa rigward is-Salib tal- Marsa jekk hux ser ikun qed jiċċalaq għall-post ieħor jew ser jibqa' fl-istess post preżenti, u il-Kunsill jikunsidrax li jersaq għall-post ieħor peress li qed jiġi mgħoti bi siġar li hemm madwaru. **Għaldaqstant is-sindku wieġeb li ser ikun qed isaqsi il-Aġenzija GHRC jekk ux possibli li is-Salib tal-Marsa jidħol parti mill-proġett ta' Riginerazzjoni tal-Marsa.**

**21.4.7** Il-Vici Sindku Sur Josef Azzopardi rigward it-Tender tal-Latrini tal Marsa, sabiex jinħareġ it-tender tal- letrini (public toilets) għaliex il-public toilet ta' Blata l-Bajda ma għadiex f'idejn il-Kunsill Lokali. **Is-Sindku sur Luke Farruġia tagħalab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibda il-proċess biex jinħareġ it-tender**.

**21.4.8** Il-Kunsillier Dominic Spencer spjega li ġewwa il-Menqa tal-Marsa, ġew installati CCTV cameras mid-dilettanti tad-dagħjjes u il-Kunsillier Dominic Spencer jekk ikunx possibli li jintgħalbu l-aċċess għall dawn il-Cameras mingħand il-Kunsill anke jekk ikun hemm rimbors. **Għaldaqstant is-Sindku Luke Farruġia tagħalab lil Kunsillier sabiex jagħdillu il – kuntatt sabiex issir komunikat mad- dilettanti tad-dagħjjes.**

**21.5 Rapporti**

Ma kienx hemm

**21.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 08/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**21.6.1** Wara Mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farrugia u sekondat il-Kunsillier Dominic Spencer il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**21.7 Item: New Railing at Public Garden at St Vincent street , Marsa**

Is-Sindku spjega li qed jippreżenta *drawings* li issiru railings ġodda u il-ġnien jinfetaħ u jingħalaq bil-ħin, sabiex jinqata' l-abbuż. Għaldaqstant il-Kunsillier Dominic Spencer indika li fil-viċinanzi ta' dan il-ġnien ser ikun hemm proġett ta' Infrastructure Malta u għalhekk ser ikun affetwat. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel sabiex dan l-item jinżamm on hold minħabba il-proġett ta' l-Agenzija Infrastructure Malta.**

**21.8 Item: Bdil ta' data għall – Attivita (Majjalata)**

Is-Sindku Luke Farruġia spjega li kellha tinbidel id-data ta' l-attivita organizzata mill-Kunsill tal-Majjalata li kellha issir fi 23 ta' Awwissu 2025 u li minflok tmexxhiet għad-19 ta' Settembru 2025 ġiet ikkanċelata, għaldaqstant f'din id-data hemm kien hemm permess għall - attività ġewwa Belvedre Gardens organizzata mill-Iscouts tal-Marsa, liema permess kienu għamluħ f'Mejju. Għaldaqstant is-Sindku Luke Farruġia informa lil

Kunsill li ser ikun qed jaħdem fuq Kalendarju ta' Attivitajiet fejn jinkludi l-attivitajiet ta' l-Għaqdiet tal-lokal, u b'hekk ikun hemm pjan aħjar ta' Attivitajiet.

**21.9 Item: Programm Angie Laus, Skeda Ottubru 2025**

Is-Sindku Luke Farruġia li kellu laqgħa *Online* ma Sinjura Angie Laus rigward programm televiżiv li qed tippjana għall – iskeda Ottubru 2025, fejn uriet l-interess tagħha sabiex ittellgħa programm mill-Pjazza tal-Marsa fi 9 ta' Novembru 2025, liema programm ser ikun kull nhar ta' Ħadd bejn 8:00am – 13:00pm mill-Pjazzez tal- Lokalitajiet F'Malta u Għawdex, fejn fil-programm ikun hemm l-involviment ta' l-Għaqdiet Marsin permezz ta' stalls fil-Pjazza. **Għaldaqstant il-Kunsill tagħalab sabiex ikollu iktar informazzjoni biex ikun jista jifhem eżatt il-Produzzjoni x'għanda fil-pjan tal-programm u issir laqgħa mat-tim tal-produzzjoni.**

**21.10 Item: Pedestrian Crossing – Triq il-Marsa c/w Triq is-Sebħ**

Is-Sindku Luke Farruġia preżenta drawings għall-pedestrian crossing drawings ġewwa Triq il-Marsa c/w Triq is-Sebħ, għaliex kien hemm talba mir-residenti ta' l-area sabiex issir pedestrian crossing, **Il-Kunsillier Dominic Spencer issuġġerixxa li issir Traffic Management plan ta one way system għat-Traffiku li jagħddi min ġewwa il-Marsa. Għaldaqstant il-kunsill qabel sabiex jibda il-proċess ta' Applikazzjoni ta' Pedestrian Crossing ġewwa Triq il-Marsa c/w Triq is-Sebħ.**

**21.11 Item: Concept Drawings Belvedre Gardens c/w 6 ta' Awwissu**

Is-Sindku Luke Farruġia preżenta proposta ta' *Concept Drawings* għall-Belvedre Gardens c/w 6 ta' Awwissu wara li kellu laqgħa mal-perit tal-Kunsill, fejn qed jipproponi li jsir Bandli u open Air Gym ġewwa Ġnien Belvedre, fejn spjega li hemm xi partijiet tal-ħamrija ikunu jistaw jitatew bil-konkos għall- open Air Gym u fi Ġnien 6 ta' Awwissu qed jipproponi li jiġi maqlub għall- dog park.

**21.1.11 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku fuq dan il-proġett ta' Concept drawings għall-Belvedre Gardens c/w 6 ta' Awwissu, il- Kunsill ma qabilx mal-proposta.**

**Għaldaqstant il-Kunsill qabel li issir reviżjoni ta' Drawings mal-Perit, sabiex jiġi irranġat il-Bandli eżistenti u issiru open air gym mal-Bandli eżistenti u jinġabru stimi ġodda biex issir dog park u open air gym, filwaqt li jinħareġ Tendr għall – perit u tinbagħt email lid-dipartiment għall fondi tal-bandli u Sindku ifassal proġett sabiex ikun jista jippreżentah quddiem il-Kunsill fi laqgħa.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**21.12 Item: Permess u Użu Tramm Station**

Is-Sindku Luke Farruġia spjega li kellu laqgħa flimkien mal-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi fejn id-dipartiment ta' Restawr informa lis-Sindku u il-Viċi sindku li il-permess ta' xogħlijiet ħareġ u ser ikunu qed jibdew ix-xogholijiet fuq it-Tramm Station mid-Dipartiment. Għaldaqstant il-Viċi Sindku sur Josef Azzopardi prepara preżentazzjoni ta' kif ha jkun qed issir ix-xogħol fuq it-Tramm Station. Għaldaqstant terġa tinbena il-mina ta' drenaġġ kif kienet mibnija mill-ġebel oriġinali jekk ma jinstabx dan il-ġebel issiru replika tagħa fuq in-naħa ta' fejn ġej il-ġnien u li l-użu tal-binja tkun *multipurpose room* għall użu tal-Kunsill.

**21.13 Item: Polza ta' Assigurazzjoni – Kunsill Lokali**

Is-sindku spjega li kien mitlub mill-Kunsillier Dominic Spencer sabiex tiġi diskussa il-polza ta' Assigurazzjoni tal-Kunsill għax kien hemm misunderstastnding, għaldaqstant il-Kunsillier Dominic Spencer qed jissuġġerixxi sabiex fil-polza li jmiss tidħol polza li il-kunsill ikun kopert li jekk ikun hemm ħsara min terzi il-polza ta Assigurazzjoni tkopri il-ħsarat li jsiru mit-terzi u li tkopri l-attivitajiet tal-Kunsill.
**Għaldaqstant talab sabiex jinġabru stimi bil-kriterji li jrid il-Kunsill li jinkludu li l-assigurazzjoni tkopri l-attivitajiet li jorganizza il-Kunsill kif ukoll tkopri ħsarat li jsiru minn terzi fil-lokal.**

**21.14 Item: Stimi – Xiri ta' Photocopier bil-Kulur għall Uffiċini tal-Kunsill Lokali**

Sindku preżenta stimi ta' Photocopier bil-kulur sabiex tinxtara għall-użu tal-uffiċini ta' l-amministrazzjoni tal-Kunsill. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel sabiex tinxtara il-Photocopier bil-Kulur għall-użu ta' l-amministrazzjoni u isegwu billi isegwu il-proċess normali tal-procurement.**

**21.15 Mozzjonijiet**

**21.15.1** Il-Kunsillier Dominic Spencer għada mozzjoni sabiex il-pagament li jmiss tal-Cleansing Department jitnaqqas l-ammont kollhu għall-ħlasijiet tas-servizz tal-bowser li il-Kunsill qed jordna sabiex jinħaslu toroq tal- Marsa, dan għaliex il-Cleansing Department qed jonqos milli jagħti is-servizz ta' sweeping skond kif iffirmat b'MOU bejn il-Kunsill Lokali u Dipartiment tal-Cleansing.

**Għaldaqstant is-Sindku issuġġerixxa li ser ikun qed ikellem is-Sur Duncan Hall fuq din is-sitwazzjoni u ser ikun qed jinfurmaħ li ser jittieħdu passi drastiċi jekk is-servizz ta' sweeping ser idum biex jopera. Il-Kunsill qabel**.

**21.15.2** Il-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi resaq mozzjoni li il - Kunsill għandu responsabbilta' li jirsisti biex il-binja tat-tramm tgħaddi f'idejn il-kunsill, ġaladarba tkun irrestawrata, biex il- Kunsill jkun li jamminstraha u tibqa' tal-poplu Marsi u jieqaf b'kull mod possibli lil kull min b'xi mod jkun jrid jieħu l-ownership tagħha kemm NGO's, kemm entitajiet tal-Gvern, jew individwi oħra.

Din il-mozzjoni ġiet imressqa mil-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi u giet sekondata mill-Kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill qabel unanimament ma din il-mozzjoni.

**21.16 Tmien tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.00pm u ġiet aġġornata għall Ħamis 11 ta' Settembru 2025 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*